

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-28 ta' Frar 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Finanzgericht Düsseldorf — il-Ġermanja) — AGST Draht- und Biegetechnik GmbH vs Hauptzollamt Aachen**

(Kawża C-398/05) <sup>(1)</sup>

**(Politika kummerċjali komuni — Dazji kumpensatorji — Protezzjoni kontra l-prattiċi ta' sussidji — Regolament (KE) Nru 1599/1999 — Wajers ta' l-istainless steel — Dan nu għall-industrija Komunitarja — Rabta ta' kawżalità)**

(2008/C 107/02)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

## Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Düsseldorf

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: AGST Draht- und Biegetechnik GmbH

Konvenut: Hauptzollamt Aachen

## Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Finanzgericht Düsseldorf — Validità tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1599/1999, tat-12 ta' Lulju 1999, li jimponi dazju kompensatorju definittiv u l-ġbir definittiv tad-dazju proviżorju impost fuq wires ta' l-istainless steel b'dijametru ta' 1 mm jew aktar li joriġinaw fl-Indja u jtemm il-proċedura li tikkonċerna l-importazzjonijiet ta' wires ta' l-istainless steel b'dijametru ta' 1 mm jew aktar li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea (ĠU L 189 tat-22 ta' Lulju 1999 p. 1) — Evalwazzjoni tad-dannu għall-industrija Komunitarja, rabta ta' kawżalità ma' l-importazzjonijiet ta' prodotti ssussidjati

## Dispożittiv

L-eżami tad-domanda magħmula ma rriwela ebda element tali li jaffettwa l-validità tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1599/1999, tat-

12 ta' Lulju 1999, li jimponi dazju kompensatorju definittiv u l-ġbir definittiv tad-dazju proviżorju impost fuq wajers ta' l-istainless steel b'dijametru ta' 1 mm jew aktar li joriġinaw fl-Indja u jtemm il-proċedura li tikkonċerna l-importazzjonijiet ta' wajers ta' l-istainless steel b'dijametru ta' 1 mm jew aktar li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 22, 28.1.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-28 ta' Frar 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Corte suprema di cassazione — l-Italja) — Carboni e derivati Srl vs Ministero dell'Economia e delle Finanze, Riunione Adriatica di Sicurtà SpA**

(Kawża C-263/06) <sup>(1)</sup>

**(Politika kummerċjali komuni — Protezzjoni kontra l-prattiċi ta' dumping — Dazju kontra d-dumping — Hadid hematite mhux maħdum li joriġina mir-Russja — Deċiżjoni Nru 67/94/KEFA — Determinazzjoni tal-valur doganali għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dazju varjabbli kontra d-dumping — Valur tat-tranżazzjoni — Bejgħ suċċessiv bi prezzijiet differenti — Possibbiltà għall-awtorità doganali li tieħu in kunsiderazzjoni l-prezz indikat f'bejgħ ta' merkanzija li sar qabel dak li abbażi tiegħu saret id-dikjarazzjoni doganali)**

(2008/C 107/03)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

## Qorti tar-rinviju

Corte suprema di cassazione